MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 229/2008

**AMC Marketing Ltd (C-18702)**

***kontra***

**BBQ Centre Ltd (C-26532)**

**Il-Qorti -**

**Rat** ir-rikors guramentatipprezentat fis-6 ta' Marzu 2008 li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta' rikorrenti hija wahda li fost affarijiet ohra timporta affarijiet in konnessjoni ma' 'packaging' ta' ikel ;*

*2. Illi s-socjeta' konvenuta ordnat minghand ir-rikorrenti materjal in konnessjoni ma' dawn l-istess 'packaging' ;*

*3. Illi ghal dan il-materjal is-socjeta' konvenuta kellha thallas l-ammont komplessiv ta' tnax-il elf sitt mija u sittax-il Ewro u sitta u erbghin ewro centezmu (€12,616.46) hekk kif muri mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok 'AMC1' ;*

*4. Illi avolja s-socjeta' konvenuta giet debitament interpellata u notifikata permezz tal-ittra ufficjali mmarkata bhala 'Dok AMC2' sabiex thallas dina s-somma dina ghazlet li tibqa' inadempjenti u fil-fatt sal-gurnata tal-lum ir-rikorrenti ma thallset xejn minn dan kollu ;*

*5. Illi huwa car illi dan l-ammont indikat huwa cert, dovut u likwidu u per konsegwenza s-socjeta' konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjonijiet x'taghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u b'hekk jezistu c-cirkostanzi kkontemplati fl-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh ghal dak li jirrigwarda t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas ai termini ta' l-Artikolu 167 hawn fuq citat ;*

*7. Illi ghalhekk is-socjeta' attrici kellha tressaq din il-kawza.*

*Ghaldaqstant is-socjeta' attrici umilment titlob li, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ; u*

*2. Tordna lis-socjeta' konvenuta estera thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnax-il-elf sitt mija u sittax-il Ewro u sitta u erbghin ewro centezmu (€12,616.46), bl-imghaxijiet kummercjali dovuti sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez.*

*Rappresentanti, diretturi u impjegati ta' l-istess socjeta' konvenuta minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

**Rat** il-lista ta’ xhieda indikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta’ dokumenti annessi mar-rikors mahluf.

**Rat** id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta moghti fis-26 ta’ Mejju 2008 fejn wara li sabet li s-socjeta’ konvenuta seta’ kellha bazi fuqhiex tikkontesta t-talba attrici, tat lill-istess socjeta’ konvenuta zmien ghoxrin (20) jum sabiex tipprezenta r-risposta mahlufa taghha.

**Rat** ir-risposta guramentata tal-kumpannija konvenuta ipprezentata fis-6 ta’ Gunju 2008 li taqra hekk -

*1. Illi ai termini tal-memorandum & articles tas-socjeta’ intimata, hawn annessi u mmarkati bhala DOK A, kwalsiasi negozju u transazzjonijiet, inkluzi dawk tal-mertu tal-proceduri odjerni, jirrikjedu ad validitatem il-kunsens taz-zewg diretturi ta’ l-istess socjeta’ intimata illi flimkien igawdu r-rapprezentanza legali tas-socjeta’ intimata ;*

*2. Illi, kif ser jigi pruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-proceduri odjerni, l-esponent Frank Grima qatt ma ta l-kunsens tieghu sabiex isir in-negozju formanti l-meritu tal-proceduri odjerni mas-socjeta’ rikorrenti ossija sabiex isiru t-transazzjonijiet elenkati f’dokument ‘AMC1’ anness mar-rikors promotur ;*

*3. Illi konsegwentement it-transazzjoni allegatament ezegwita bejn is-socjetajiet kontendenti hija nulla u bla effett fil-ligi, billi l-kunsens allegatament moghti mis-socjeta’ esponenti sabiex issehh din it-transazzjoni kien wiehed vizzjat sew billi ma nghatax bil-kunsens taz-zewg diretturi tas-socjeta’ esponenti u sew billi nieqes minn formalita’ essenzjali rikjesta mill-istatut tas-socjeta’ esponenti ;*

*4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-materjal li qieghed jintalab hlas tieghu elenkat f’dan l-istess dokument u cioe’ f’dokument ‘AMC1’ – liema materjal jinsab fil-pussess tas-socjeta’ intimata – jista’ jigi liberament mehud lura mis-socjeta’ rikorrenti sabiex din effettivament tirriduci l-kreditu minnha allegat f’dawn il-proceduri ;*

*5. Illi, ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi, it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti jimmeritaw li jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' rikorrenti.*

**Rat** il-lista ta' xhieda indikati mill-kumpannija konvenuta u l-elenku ta' dokumenti annessi mar-risposta mahlufa.

**Qieset** il-provi li ressqu l-partijiet.

**Semghet** it-trattazzjoni bil-fomm li saret mid-difensuri tal-partijiet.

**Rat** l-atti kollha tal-kawza.

**Rat** id-digriet taghha tas-26 ta' Ottubru 2009 fejn halliet il-kawza biex taghti s-sentenza llum in difett ta' ostakolu.

**Rat** li ma hemm l-ebda ostakolu sabiex il-kawza tkun deciza llum.

**Ikkunsidrat -**

F'din il-kawza, AMC Marketing Ltd ("il-kumpannija attrici") qeghda titlob hlas ta' €12,616.46 ghal merkanzija konsenjata lil BBQ Centre Ltd. ("il-kumpannija konvenuta") konsistenti fil-bicca l-kbira taghha minn *vacuum bags* ghall-ippakkettjar tal-laham. Min-naha taghha l-kumpannija konvenuta tirribatti din it-talba attrici abbazi tal-pretensjoni li d-direttur taghha Jason Pace, meta xtara dak il-materjal, agixxa *ultra vires* u minghajr awtorizzazzjoni hekk kif definita fil-*Memorandum and Articles of Association* ta' l-istess kumpannija. Din taccetta bhala fatt li l-merkanzija kienet ghadha fil-pussess materjali taghha u kienet lesta taghtiha lura lill-kumpannija attrici. Min-naha taghha, din tal-ahhar ma kenitx lesta tiehu lura l-merkanzija u kienet qed tinsisti fuq il-pagament. Bhala fatt, irrizulta li Jason Pace ma kienx ghadu direttur tal-kumpannija konvenuta.

Abbazi tal-provi akkwiziti, ma hemmx kontestazzjoni li l-prezz tal-merkanzija konsenjata kien ta' €12,616.46 skond

il-fattura datata 24 ta' Ottubru 2008 a fol 43. Kif lanqas ma hu kontestat li wara l-konsenja l-merkanzija baqghet fil-pussess tal-kumpannija konvenuta.

Ix-xhud Joseph Zammit xehed hekk –

*Gara illi f'gurnata partikolari, Victor Zammit kien gie gewwa l-mahzen taghna – u cjoe' gewwa mahzen illi jintuza ghad-diversi negozji gestiti minni u minn Frank Grima – u sab lili gewwa l-imsemmi mahzen. Victor Zammit kien staqsa ghal Jason Pace u jiena kont infurmajtu illi jiena u Frank Grima ma kienx ghad ghandna kuntatt ma' Jason Pace. Victor Zammit kien qalli illi kellu jithallas minghand Jason Pace ta' xi materjal illi kien ordna l-istess Jason Pace. Fil-fatt dan Zammit kien identifika dan il-materjal li proprju kien qieghed f'dan l-istess mahzen. Jiena fil-fatt kont mill-ewwel infurmajt lil Victor Zammit illi dan il-materjal kollu jiena kien ghadni kif gibtu mill-fabbrika ta' BBQ Centre Limited u jiena ma kontx naf minghand min kien gie ordnat.*

Il-kumpannija konvenuta tallega li Jason Pace ma kienx awtorizzat bl-istatut tal-kumpannija li wahdu jixtri l-merkanzija minghajr il-kunsens ta' direttur iehor, ghalkemm taccetta li l-ordni lill-kumpannija attrici saret meta Jason Pace kien ghadu nvolut fil-kumpannija konvenuta. Irrizulta li qabel l-okkazjoni mertu tal-kawza tal-lum, il-kumpannija konvenuta kienet akkwistat minghand il-kumpannija attrici makkinarju ghall-ippakkjar tal-laham.

Irrizulta li meta sar in-negozju de quo, id-diretturi tal-kumpannija konvenuta kienu Frank Grima u Jason Pace. Il-gestjoni tal-kumpannija konvenuta kienet f'idejn iz-zewg diretturi flimkien. Billi Frank Grima kien ikun imsiefer ta' spiss u fit-tul, huwa inkarika lil Joseph Zammit sabiex jiehu hsieb l-interessi tieghu fil-kumpannija (ara x-xhieda ta' Frank Grima a fol 162). Jason Pace ghamel negozju divers ghan-nom tal-kumpannija konvenuta nkluz l-akkwist tal-makkinarju minghand il-kumpannija attrici, diversi transazzjonijiet f'isem is-socjeta' BBQ Centre Ltd, fosthom, kien xtara makkinarju minghand is-socjeta'

rikorrenti. Dwar dan il-punt partikolari, Joseph Zammit (fol 159) xehed hekk - *… kienet l-istess AMC Marketing Ltd illi kienet ipprovdiet il-makkinarju li fuqu kien jintuza dan l-istess materjal.* Huwa ghalhekk evidenti li diga' kien hemm attivata relazzjoni kummercjali bejn il-kumpanniji kontendenti <u>qabel</u> kien akkwistat il-materjal mertu tal-kwistjoni.

Skond Art.6(a) tal-*Memorandum* tal-kumpannija konvenuta (fol 99) *the management and administration of the Company are entrusted to a Board of Directors, unless and until otherwise determined by the Company in General Meeting, of not more than five (5) Directors but not less than two (2) Directors.* Imbaghad l-Art.6(b) (fol 100) ighid li d-diretturi kienu Frank Grima u Jason Pace li skond l-Art.9 kellhom il-*joint legal* u *judicial representation*.

Irrizulta bhala fatt li fil-prattika kien Jason Pace li kien jittratta ma' Victor Zammit tal-kumpannija attrici (ara x-xhieda ta' Victor Zammit a fol. 55 tal-process) li kkonferma li gieli kien prezenti Frank Grima.

**Ikkunsidrat –**

<u>Dwar il-kwistjoni centrali ta' din il-kawza</u>, u cioe' jekk in-negozju de quo li kkontratta mal-kumpannija attrici Jason Pace bhala direttur tal-kumpannija konvenuta kienx jorbot lill-istess kumpannija konvenuta in vista ta' dak li kien provdut fil-*Memorandum* tal-kumpannija konvenuta, din il-Qorti tibda biex tghid li l-kumpannija konvenuta kienet registrata bin-Nru.C26532 fit-<u>13 ta' Gunju 2000</u> u cioe' wara li gie fis-sehh il-<u>Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta</u>.

Ir-relazzjoni kummercjali bejn Jason Pace li kien qed jagixxi ghall-kumpannija konvenuta u l-kumpannija attrici kienet <u>pre-esistenti l-kwistjoni de qua</u>.

Fid-dottrina Ngliza kienet zviluppata <u>*the Doctrine of Ostensible Authority.*</u>

Il-Kap.386 kellu bhala mudell il-Ligi Ngliza. Fis-sentenza <u>**"Freeman & Lockyer vs Buckhurst Park Properties**</u>

**(Magal) Ltd"** (CA 1964) [1964] 2 QB 480 [1964] 2 WLR 618 [1964] 1 All ER 630 dik id-dottrina kienet spjegata bil-mod segwenti –

*An apparent or ostensible authority is a legal relationship between the principal and the contractor created by a representation made by the principal to the contractor intended to be and in fact acted upon by the contractor, that the agent has authority to enter on behalf of the principal into a contract of a kind within the scope of the 'apparent' authority, so as to render the principal liable to perform any obligations imposed upon him by such a contract.*

Fis-sentenza **"Hely-Hutchinson vs Brayhead Ltd"** (CA 1967) [1968] 1 QB 549 [1967] 3 WLR 1408 [1967] 3 All ER 98 inghad li –

*… authority may be implied may be implied from the conduct of the parties and the circumstances of the case.*

Din il-Qorti trid tghid ukoll li kif inghad fis-sentenza **"Howard vs Patent Ivory Manufacturing Co"** (ChD 1888) 38 ChD 156, 57 LJ Ch 878, 58 LT 395, 36 WR 801, id-dottrina tal-*implied or apparent authority* ma tapplikax *when the outsider knows of the irregularity or lack of actual authority or where there are suspicious circumstances putting the outsider on inquiry.*

Fil-kaz tal-lum, ma jirrizultax pruvat li l-kumpannija attrici kienet taf li zewg diretturi kienu jirrappresentaw lill-kumpannija konvenuta. Li certament irrizulta li fin-negozju precedenti bejn iz-zewg kumpanniji kien deher u ttratta Jason Pace u ma rrizultax li dak in-negozju sar minghajr il-konoxxenza jew approvazzjoni tad-direttur l-iehor jew li dak id-direttur l-iehor qatt irregistra xi opposizzjoni ghal dak in-negozju. Abbazi tal-fatti partikolari ta' din il-kawza, ma rrizultax li kien hemm *suspicious circumstances putting the outsider on inquiry* dwar *irregularity or lack of actual authority* fl-operat jew imgieba ta' Jason Pace.

Fl-ambitu ta’ dawn il-konstatazzjonijiet ta’ fatt, trid titqies ukoll il-bidla radikali li kien hemm fid-dritt socjetarju Malti u cioe’ bejn meta dan kien regolat bil-“Commercial Partnerships Ordinance” – Kap.168 tal-Ligijiet ta’ Malta – u meta wara l-1995 kien gie regolat bil-Companies Act – Kap.386. Meta kien vigenti il-Kap.168, kien principju fondamentali li d-diretturi huma marbutin bil-*memorandum* u l-*articles of association* ghax il-poteri taghhom jitwieldu minn hemm bil-konsegwenza li kienu fid-dover li josservaw ir-restrizzjonijiet kollha li dawn jimponu fuqhom. Il-ligi kienet stretta fis-sens li kienet torbot lid-diretturi biex jagixxu fil-limiti precizi tal-mandat taghhom kif delineati fl-istatut u dana taht piena ta’ nullita’ ta’ l-att minnhom esegwit minghajr debita awtorizzazzjoni, nullita’ li ma setghetx tigi sanata lanqas permezz ta’ xi ratifika sussegwenti. Pero’ bil-Kap.386 kienu introdotti fid-dritt taghna kuncetti nnovattivi u forsi wkoll xi ftit aljeni minn dawk tradizzjonalment rikonoxxjuti specjalment fejn si tratta tal-effett tal-operat tad-diretturi fil-konfront ta’ terzi li maghhom jinnegozjaw f’isem il-kumpannija. <u>U dak huwa propju l-kaz li ghandna llum</u>.

<u>Art.137(4) tal-Kap.386</u> jaqra hekk –

*Anything done by the board of directors of a company which exceeds the limits of their authority or by any director which is beyond his powers shall be binding on the company unless that act exceeds the powers granted to the board of directors or to a director, as the case may be, by virtue of this Act.*

Imbaghad <u>Art.137(5)</u> ikompli hekk –

*Any limitation on the powers of the board of directors or of any director of the company shall be relied on as against third parties independently of whether that limitation, published or not, arises from the memorandum or articles or from any resolution of the general meeting or from a decision of the board of directors of the company.*

Dawn id-disposizzjonijiet iqarrbu lejn id-dottrina Ngliza li kjarament ittendu lejn koperatura kwazi shiha tat-terz li

jittratta ma' rappresentant tal-kumpannija u jizguraw li l-kumpannija taghmel tajjeb ghall-operat tad-diretturi fdati bl-amministrazzjoni taghha kif ukoll ghal min kellu posizzjoni ta' responsabilita' fit-tmexxija taghha.

Jinghad fil-ktieb ta' Farrar <u>*Company Law*</u> (Third Edition – 1991) pag. 374 et seq -

*What remains a problem is the situation where a third party deals with an individual director whose authority to act on behalf of the company is disputed …*

*For a third party to be able to hold the company to a transaction where he has dealt not with the board but with an individual director, officer or employee, it will be necessary for the third party to show that the individual with whom he dealt had authority, actual or ostensible, to bind the company in this way. Actual authority may be expressed or implied : express, arising from an explicit conferring of uthority on a director, perhaps in the articles of assocuation ; implied, arising from the position which the individual holds. Ostensible or apparent authority, on the other hand, is the authority of an agent as it appears to others.*

<u>Dan kollu japplika ghall-kaz tal-lum</u>.

Il-Gower fil-<u>*Principles of Modern Company Law*</u> (Sixth Edition – 1997) pag.201 et seq ikompli fuq din it-tema u jisvolgi l-argument kif gej –
*Where the person through whom the third party dealt occupies a position in the company such that it would be usual for an occupant of that position to have authority to bind the company in relation to the transaction concerned, the company will be bound. The third party dealing with the company in good faith will be entitled to assume that that person has authority unless he knows the contrary or knows of facts which would have put a reasonable person on inquiry. Thus if the person acting for the company is its chief executive or managing director, then, despite the fact that the Act refuses to treat him as an organ of the company equivalent to the board of directors, unless there*

*are suspicious circumstances, or the transaction is of such magnitude as to imply the need for board approval, he may safely be assumed to be authorised. In practice, he will probably have actual authority and his acts will bind the company.*

**Ikkunsidrat –**

Fil-kuntest tal-premess, l-element ta' bona fede jassumi rilevanza determinanti kif del resto hekk ghandu jkun. Meqjus l-assjem tal-fatti kif hargu mill-provi, din il-Qorti tghid li rrizulta li Jason Pace kien fdat bil-gestjoni effettiva u kwotidjana tal-kumpannija konvenuta, hu li kien ukoll direttur, mhux semplici impjegat. U allura l-kumpannija attrici bir-ragun fehmet li meta giet biex tinxtara l-merkanzija in kwistjoni, Jason Pace kellu l-awtorita' li jeffettwa l-akkwist, kif del resto kien ghamel meta ittratta mal-kumpannija attrici dwar ix-xiri ta' makkinarju. Dwar ir-rwol ta' Jason Pace, tassumi rilevanza x-xhieda tad-direttur l-iehor Frank Grima meta a fol 162 xehed hekk - *Irrid nispjega illi jiena kwazi dejjem nidhol f'negozji b'dan il-mod, u cjoe' billi nohrog b'ideja u <u>insib partner illi jkun lest illi jiehu hsieb id-day to day running ta' l-operat tan-negozju</u> fis-sens ta' Manager u jiena nohrog il-kapital kollu [emfasi ta' din il-Qorti]*

Fil-kaz tal-lum, il-kumpannija attrici Jason Pace ma kellhiex ghalfejn tiddubita li fil-kaz ta' Jason Pace kienet qed tittratta ma' persuna li mhux biss kien direttur izda kien awtorizzat mill-kumpannija konvenuta sabiex jiffinalizza ftehim ghan-nom taghha.

**Ikkunsidrat –**

Rilevanti wkoll ghall-fini ta' l-fondatezza o meno tad-difiza tal-kumpannija konvenuta huwa l-fatt mhux kontestat li l-kumpannija konvenuta baqghet izzomm fil-pussess taghha l-merkanzija in kwistjoni, bla ma effettwat depozitu taht l-awtorita' tal-Qorti. Dan ma jistax jitqies bhala fatt marginali tal-vertenza. Fil-kummerc huwa dover ta' min jixtri illi juza certa speditezza f'affarijiet inerenti ghan-negozju, ghaliex il-kummerc ma jammettix dewmien

ingustifikat kemm in kwantu ghall-konsenja tal-oggett patwit kif ukoll in kwantu ghall-pagament tal-oggett konsenjat. Ghalhekk meta min jixtri merkanzija, ma jkunx irid jaccettaha ghar-ragunijiet tieghu, ma jistax izommha ghandu u, wara zmien, jippretendi li jibghat lura dik il-merkanzija lill-venditur. Fil-kaz tal-lum, il-kumpannija konvenuta qed tallega li qua kumpannija ma xtratx il-merkanzija de qua, ghax direttur wiehed wahdu ddecieda li jixtri bla ma kien hekk awtorizzat mid-direttur l-iehor. Fl-istess waqt, u dan fl-istadju tal-presentata tar-risposta mahlufa, tghid li zammet ghandha dik il-merkanzija pero' kienet disposta taghtiha lura lill-kumpannija attrici. Din l-ambigwita' processwali tal-kumpannija konvenuta b'ebda mod ma taghti sostenn lill-posizzjoni li hadet f'din il-kawza. Anzi ssostni l-pretensjoni attrici.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:**

**Fl-ewwel lok, tichad l-eccezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta.**

**Fit-tieni lok, tilqa' t-talba tal-kumpannija attrici u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta' tnax-il elf sitt mija u sittax-il Ewro sitta u erbghin centezmu (€12,616.46) bir-rata ta' imghax kif definita fl-Art.26A tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta, u b'effett mis-27 ta' Ottubru 2007 skond l-Art.26C(2)(b) tal-Kap.13 (u cioe' tletin jum wara d-data tan-notifika tal-kumpannija konvenuta bl-ittra ufficjali tal-kumpannija attrici tal-14 ta' Settembru 2007 a fol 5 u 6).**

**Fit-tielet lok, tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta' din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------